# IL ĦABIB

Joħroġ cull nhar ta ħamis, barra minn ħamis ix-Xirca u Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Apostolat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Dŭardu Galea(str.Cristoforu,numru 174).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213.)

L' EŬŬEL SENA — IL ĦAMIS, 8 TA FRAR, 1912. — NRU. 2.

*Inbiereu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parrocci taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF

## L'ACBAR ĦABIB TA MALTA.

Il chelma *ħabib* toghġob lil cull-ħadd, ghaliex tiġbor geûûa fiha cull ma tista taħseb ħelu u tajjeb, b'mod li li stess Spirtu is-Santu ighidilna illi min isib ħabib icun sab tesor; iżda chemm huma daûc illi jistghu jissejjħu verament ħbieb? Il veru ħabib hu dac li mhux biss iħoss imħabba f'kalbu lejn xi ħadd-ieħor, iżda dac li irid lil dac li iħobb il veru gid, u jecc hemm bżonn collox jaghmel u ibati biex jaraħ bħalu u aħjar minnu. Ghaliex fost il bniedmin il kjes tal imħabba dejjem chien is-sacrificcju: ghaliex it-tbatija hi l'akûa xhieda tal imħabba: u il ħabib veru, chif ighid il proverbju latin, fil hemm u in-nichet juri-ruħu: *amicus certus in re incerta cernitur*.

Meta hu hecc, min imerini jecc nghid illi l'acbar ħabib ta Malta hu dac il cbir Appostlu ta Gesù Cristu li fiħ ifaccarna dan ix-xahar ta frar u digià faccarna ucoll ix-xahar li ħareġ? Cull min jaf x'sofra San Paûl biex jista jigi f'Malta u x'gid ghamel lil din il gżira, malajr ighid mieghi, illi ebda ħabib bħal Paûlu ma chellha katt u inkas icollha Malta, l'art maħbuba taghna.

Biex jobdi ghax-xeûka ta Gesù, li fdalu f'idejħ il conversjoni tad-dinja collha meta sejjaħlu f'Damascu, San Paûl ma irrofta ebda banda u ebda tbatija, u hecc sata jicteb lir-Rumani, tmintax il sena ûara, illi il Fidi ta Gesù Cristu chienet xterdet mad-dinja collha. U mad-dinja ried ighakkad ucoll iċ-ċhejcna gżira taghna, ghalchemm imchien ma bata ghal erbatax il ġurnata sħaħ tempesta l'actar chiefra, fejn chien ra ucoll il gharka, biex sata igib il Fidi ta Gesù, chif bata mita minn Boniporti giè Malta fuk navi Lixandrina. Fost tant tbatijet ta rjeħ, xita, chesħa, ġuħ, ħalel ta baħar li iûaħħxu, dalma, tchissir tal bastiment, katt ma kata' kalbu u dejjem kal chelma ûaħda: Hemm bżonn immorru f'certa ġżira. U baka sachemm giè u gharaf li chien jisimha Malta.

U x'sata iġib mieghu dan il bniedem lill Malta? Ma chellu xejn, inkas ħûejjġu ta fuku! Ma chellu xejn? Chellu il chelma u is-setgha t'Alla; b'dic ûira lill missierijetna il kerk li chienu fiħ taħt il Paganismu, b'din fejjak il mard collu taħħom, mhux biss tal gisem, iżda ucoll tar-ruħ, ibda minn missier Publiu, il Princep li lakghu. Imma fejn hemm il Fidi t'Alla, hemm il vera civiltà, ghaliex il Fidi trid il giustizzja, l'onestà, il modestja, il castità, l'imħabba ta xulxin, il moghdrija, il maħfra. Il Fidi tfittex fuk collox il gid tar-ruħ u ta dejjem, mhux dac li jintemm. Min hu, mela, l'acbar ħabib ta Malta? Hu dac li taha il ħajja vera, civili u religjusa, hu Missierna San Paûl.

MONSINJUR GAÛCI.

## Ghakda
### ghall ghajnuna ta xulxin

Il *Cumitat tal Apostolat tat-Talb*, chif fissrilcom fl'eŭŭel ħarġa ŭieħed mil Chittieba taghna, bida mix-xejn: mita 'ltkajna l'eŭŭel darba, inkas biss ma conna nafu ghal fejn, u min chienu sejjrin icunu il Mexxejja taghna, u biex u chif conna sejjrin nibdeŭ naħdmu. Chienet donnha ħolma ta Patri Vella, li, ŭara erbghin sena giri mal akŭa bliet tad-dinja, jaħdem dejjem ghall gieħ t'Alla u ghall fejda tal bniedmin, giè marid haŭn Malta: u, kabel ma 'nxteħet f'soddtu ghal-collox, ried iħaŭŭel fil kasam ta San Paŭl, fil maħbuba Gżira tieghu, xitla ġdida! Xitla minn daŭc li chien ra iħaddru u jatu il frott f'artijet oħra!

Ghal-fejn nitchellmu ŭisk?....

Il *Cumitat tal Apostolat*, ŭara dac il Pellegrinaġġ cbir ghall Cnisja tal *Madonna tal ħerba*, li biħ bida jissemma mal Poplu u li donnu gieb fuku il barca t'Alla, tà passi il-kuddiem ŭisk kaŭŭija. Inħallu fil genb dac li kieghed isir ghar-ruħ taħt id-direzzjoni ta Patri Grech—Gezŭita iħor Malti, li jisŭa mitklu deheb, ghall gherf u ghall ħrara; u li, mghejjun miz-Zelaturi u miz-Zelatrici tal *Ghakda tal Kalb ta Gesù*, daħal ghax-xoghol f'loc Patri Vella. Il gid li sar u kieghed isir fl' erŭieħ tcunu tafuħ mita, f'kasir żmien, jibda joħroġ bil-Malti il *Messaġġier* ta cull xahar, bħalma joħroġ b'ilsna oħra f'bosta bliet ta barra. Hemm icun jidher x'raddet iż-żerriegha li xerred f'din l'art tajjba Patri Vella u li bakghet tissakka u tinħadem minn Patri Grech.

Nghidu biss li il *Cumitat tal Apostolat* (miexi ghaliħ b'ghamil ta daŭl u ta ghajnuna lill fokra, lill ħaddiema, lin-nies tas-snajja u lil daŭc collha, nisa u irgiel, cbar u żghar, li ghandhom bżonn minn jakbeż ghalihom), ŭara li kassam, bil qŭiet u bil ghakal, bosta carità—ŭara li fetaħ il *Banca ghat-tkieghid tal flus*, fejn hemm diġà fuk *elfejn lira*—ŭara li ħareġ din il gażetta, bil ghajnuna ta ħafna nies seŭŭa (ghajnuna tal ctib, tax-xoghol u tal infik mil but) ghall *kari tajjeb* tal Poplu—issa kieghed ikankal opra oħra cbira! Akraŭ dan il *Programm*, li joħroġ din il gimgha:

"SAN GIUSEPP"

*Ghakda ghall ghajnuna ta xulxin, b' Imsieħbin biex ighinu u Imsieħbin biex icunu mghejjuna.*

"Ŭaslet biex titûakkaf din ii Ghakda, haûn il-Belt, b'Dar cbira u fil kabda, fejn l'Imsieħbin collha icollhom cull xorta ta moghdija taż-żmien xierka.

"L'Imsieħbin li jimirdu, barra milli icollhom it-Tabib u id-duŭa b'xejn, jieħdu xelin u nofs cull jum. Jiġu ucoll mghejjuna l'Imsieħbin li isibu-ruħħom kieghdin bla ħtija taħħom u daŭc li icorru fix-xoghol.

"L'Imsieħbin, fl' aħħar nett, icollhom daûc il ghajnunijet oħra collha li huma imdorrija jatu l'aħjar Ghakdiet ta din il ghamla.

"Dħul: xelin (darba).

"Ħlas: Tliet soldi fil gimgha.

"Ir-Regulamenti ghamilhom u ghaddihom il *Cumitat tal Apostolat tat-Talb*, ghax hu kankal din il *Ghakda*, li ma ghandha x'taksam xejn mal Ghakdiet tieghu l'oħra collha."

Tridu tafu actar?....

Il Cumitat— *President*, il Commendatur Ninu Lanzun, *Caxxier* Monsinjur Galea; *Segretarju*, is-Sur Walter Agius; *Membri*, ħaddiema tas-seŭ, 23 persuna oħra, fost l'aħjar Sacerdoti u Seculari (u fost daŭn Magistrati, Tobba u Avucati)—dan il Cumitat sejjer jieħu ŭaħda mill' acbar djar li haŭn il Belt u fiha mhux biss il *Ghakda ghall ghajnuna ta xulxin* bi ħsiebu iŭakkaf, imma il *Banca tal bdieŭa*, il *Ccejjen ghall fkar*, il *Ghakda tas-snajja*, li *Schejjel ta bil lejl*, il *Conferenzi tal ħdud*, li darb'oħra ifissrulcom x'iroddu u chemm gid kieghdin jaghmlu pajjiżi oħra, ghad li haŭn ħadd ma chien ghadu indaħal ghalihom; u f'dic id-*Dar tal Ghakda*, biex l'Imsieħbin ighaddu iż-żmien u jixxeghlu chif jixrak, *Cinematografu*

*onest* (li hu mixtiek minn cull-ħadd), *Teatrini* u cull ħajr seŭŭa ieħor.

Ma jonkosx ħlief li il Poplu jagħraf ighożż daŭn il ħbieb li Alla bgħatlu għall gid tar-ruħ u tal-gisem.

## NAHAL FUK IL ŬARD

*Fit-8 ta Frâr—S. Ġŭann de Matha*—Tŭieled fi Provenza. Ŭara li tgħallem Parigi, sâr kassis, u sa minn dac in-nhar tal eŭŭel kuddiesa tiegħu chellu derha mis sema, biex Alla kallu jati ruħu għal fidŭa tal insara li jakgħu taħt il madmad l'actar kalîl tat-Torc; għalhecc baħħar u tħabat chemm felaħ u issogra saħansitra ħajtu. Iffonda l'*Ordni tas-SS. Trinità* għal ħelsien tar-rsira. Miet fis-sena 1213.

*Religion jeŭ Dîn*—«M'haŭx poplu dakshecc lura, dakshecc grixti, li, għâd li ma jafx mîn hu Alla, ma jafx mbagħad li għandu jemmen bih.»—*Cicerone*.

«Il bniedem, li ma jemminx b'Alla, hua miġnun ta mîn jgħalku.»—*J. Newton*.

«Dac biss ma jemminx b'Alla, li jakbillu li ma chienx.»—*F. Bacone*.

«Hemm Alla. Il *vittorji* tiegħi chienu iġagħalucom temmnu bia; lili id-dinja u 'l ħolkien l'ieħor iġagħaluni nemmen b'Alla. Jiena nemmen b'mîn għamel dac li nara, b'mîn għamel dac li nisma u nħoss, għamîl ta setgħa bla tarf, għamil ta Alla, li isamma leħnu akŭŭa mil *vittorji* tiegħi.»—*Napoleone I*.

«Katt ma jista'icun li bniedem għama mit-tŭelid jista' jistħajjel x'inhu seŭŭa in-nhar; b'da'collu hu jâf li hemm xi ħaġa li in-nies igħidulha ħecc, u li di'x-xiħaġa lilu issaħħnu. Hecc hu Alla għalina; nħossu ġeŭŭa fîna li hemm Hu, mingħajr ma nâfu mîn hu.» — *Gherescion*.

«Alla hu il bidu ta collu chemm hu il ħolkien, hu il għajn tat-tieba, tal ġmiel u tal ħakk.»—*Pitagora*.

«Alla ma jgħalbu ħadd, għax hu il kaŭŭa; ma jitkarrakx, għax hu il gherf; ma jinxtarax, għax hu il ħakk; ma jeħtieġ mîn iuieżnu, għax hu minn dejjem; ma jaħarbu ħadd, għax hu collimchien»— *Ugo da S. Vittore*.

«Hu li imexxi collox fis-sema u fuk il ŭicc tal art: hu il ħabib tagħna, li iħarisna u jidħol għalina: jisma it-talb tagħna u iħares għal gîd u'l hena tagħna.»—*Necker*.

«Alla igîb ruħu magħna ta missier ucoll meta ibeżbiżna. Hua il ħabib tal imnicctin, li jittamaŭ fih. Ma ibicchix lil uliedu, ħlief biex iħejjilhom hena acbar u actar fis-sħieħ.»—*Manzoni*.

« Coll meta nersak lejn Alla, nsîr aħjar.»—*Pitagora*.

«Meta il bniedem jitlef minn taħt għajnejh l'Alla, jinxteħet bħal miġnun għal coll ħtija, b'inchejja tal ligijiet tal bniedmin.»—*Chateaubriand*.

« Katt ma jista' icun li mîn jaħchem jakla' il kima ta mîn tilifha lil Alla. »—*Macchiavelli*.

«Bniedem bla Alla, kalb bla mħabba; ma iħobbx id-dinja ħlief għal pjaciri mokżieża, u għalhecc ankas ma iħobb l'uliedu, li ta daŭc icunu il frott: ma iħobbx lil pajjisu ħlief għal kliegħ u l'unuri li jista' jarda' minnu, u ibiegħu għal pjacir u kliegħ acbar, mingħajr ankas ma jaħseb, għaliex bniedem bla Alla, kalb bla mħabba.» — *P. Agostin*.

*Patria jeŭ Artna* — « Nħobb il Malta, għax ommi maltija, malti id-demm li għandi ġo gismi, u maltija l'Art li fiha midfunin il mejtin li ommi tibchi u titħassar u missieri jikim; nħobbha, għax l'art fejn tŭelidt, il cliem li nitħaddet, ħijja, oħti u sħabi, il poplu kalbieni li ngħix f'nofsu, is-sema u l'art li iħennuni bi ġmielhom u collma nilmaħ, nħobb u nitgħaxxak bih, collox malti. Jaħasra! Inti għâdec ma tistgħax tħossha collha din l'imħabba. Għâd tħossha, meta ticber u issîr ragel; meta xi darba, inti u gej għal pajjisec minn safra tŭila, ŭara ħafna żmien li tcun ħîlec nîkes minnu, tixref, hecc chif jakbad ibexbex, fuk il cverta tal bastiment u tilmaħ fuk ix-xefak l'għoljiet ta Malta; hemm li inti tħossha mgħal ħleŭŭa u 'l għaxka kaŭŭijja, li timlilec għajnejc bid-dmugħ u tislitlec mil kiegħ ta kalbec għajta bil ferħ. Għâd tħossha, meta f'xi belt cbira, barra minn pajjisec, tħoss x'kiegħed jiġbdec, minn kalb cotra ta nies li ma tafhomx, lejn ŭiċċ ġdid, li, chif cont għaddej magħ genbu, smajtu igħid xi chelma milli għallmitec ommoc. Għad tħossha mgħal herra u 'l għafsa ta kalb li ifaŭŭrulec ŭiċċec bid-demm, meta tisma' xi barrani icasbar bi lsienu pajjisec, li int hecc imcabbar bih. Tifhem mbagħad x'jigifieri mħabba ta pajjisec, u tħoss x'jigifieri *patria.»—Minn fuk il cliem ta Sully*.

DUN PAŬL.

## Ma dûar il Gzira

— Nifirħu lir-Reverendu Cappillan tal Imsida Dun Calcidon Schembri, li giè magħmul Canonicu-Onurarju tal Bażilica-Catidral tal Loretu bil grad ta *Camrier Sigriet tal Papa*, li jatiħ it-titolu ta *Monsinjur* u il jedd li igib is-Salib tad-deheb fuk sidru.

— Nifirħu ucoll lid-Dottur Ruggier Sajd, bħala President tal Banda *King's Own*, u lill Cumitat tieghu collu, chif ucoll lill'istess *Filarmonica*, ghar-rigal sabiħ u ghażiż li kalghu nhar il ħadd li ghadda: tazza tal fidda minn idejn il Governatur.

— It-*Tŭissijet fuk is-saħħa* tal Professur Manchè icollna inħalluhom ghall ħarġa li gejja.

—Ilbieraħ spiċċa it-Tridu bit-Taljan li chien kieghed jaghmel l'imtaħħar Patri Ciuti fil Cnisja ta *San Ġŭann*, b'devozjoni lejn it-tliet Maltin li kieghda tithejja il caŭża tas-Santificazzjoni taħħom. Marru jisimghuħ l'aħjar nies ta Malta.

— Ilbieraħ tl'ura, fil ħdax ta fil-ghodu, it-tram minn ħal Kormi ghall Belt, sa tala it-telgha tal *Bajjada*, ŭakaf ħames darbiet imħabba in-nukkas tal *current elettricu*: u sar tghemghim cbir min-nies li chienu hemm fuku.

— Il Gvern neħħa l'ordni li chien tà, fi żmien il Colèra, biex il ħŭejjeġ tal ichel jinżammu mghottijin, imħabba xi tingis tad-dubbien: imma chiecu il bejjegha jibkghu ighattuhom minn jeddhom ghall'indafa, xejn ma jaghmlu ħażin.

— L'*Aħŭa Medati*, neguzjanti mill'aħjar tal ħŭejjeġ antichi, ghandhom ghall bejħ is-siġġu li chien jokghod fuku il Grammastru Pintu: jinghad li sejjer jixtriħ il Gvern, biex ikieghdu fil Museŭ (ta kuddiem *San Ġŭann*): u jecc ma icunx heec, ma idumx ma ibeŭŭeġ minn Malta.

— F'xi *vetrini*, li ma nghidux ta min huma, rajna 'mdendlin ghall bejħ Cartolini u Canzunetti scandalusi. Il Pulizija ghadha ma lemħithomx ?. . . .

T. BORĠ.

## Ghaliex,

dic il ghaġla collha biex nitilku mil Cnisja ? . . .

*Risposta*—La darba bdejna nitchellmu fuk l'imgieba ħażina ta xi uħud ŭakt il kuddiesa, jidhrilna li m'hux barra minn locu li nghidu chelma fuk ħaġ' oħra tas-seŭ ta min iċanfarha. Hemm nies li kabel ma jidħlu fil Cnisja biex jisimghu il kuddiesa (u sa haŭn jaghmlu opra tajjba ŭisk) iħallu fuk il ghatba il pacenzja collha. Fil ħŭejjeġ t'Alla m'hemmx ghaġla: u *misħut il bniedem li jaghmel il ħŭejjeġ t'Alla chif giè giè*: ighidulna li stess Spiritu is-Santu bil fomm tal Profeta: *Maledictus homo qui facit opus Dei negligenter*. Tàra x'uħud li ma jaraŭx is-siegha li tispiċċa il kuddiesa biex jitilku il-barra, bħalli chiecu daħlu fil Cnisja bil-fors. Malli is-Sacerdot jokghod ghar-rcupptejħ fil chelmiet: *Et Verbum caro factum est* tal Evangelju tal aħħar, tarahom il daŭn l'uħud, u ma icunux itit, bla ma iroddu is-Salib, jakbdu il cappell u minghajr ma jaghmlu genuflessjoni, inkas jecc ighaddu minn kuddiem l'Artal Maggjur, jitilkulha dlonc il-barra. Xi drabi, meta tispiċċa il kuddiesa li incunu kieghdin nisimghu aħna, il kassis f'kuddiesa oħra icun kieghed jicconsagra o inchella jitkarben: u aħna f'dan il cas ghandna nokoghdu ghar-rcupptejna nistenneŭ li jispiċċa u naduraŭ is-Sagrament; jeŭ ŭakt it-tkarbina tas-Sacerdot, naghmlu bil kalb collha it-tkarbina tax-xeŭka. U, mita nghaddu minn kuddiem xi Artal, fejn icun hemm Gesŭ espost, ghandna naghmlu genuflessjoni b'riġlejna it-tnejn; chif ucoll, mita nghaddu minn kuddiem Artal, fejn is-Sacerdot li kieghed ikaddes icun bejn il consagrazzjoni u il comunjoni. Hija ħaġa xierka tas-seŭ ghal min hu veru nisrani li josserva daŭn il ħŭejjeġ li fukhom tchellimna, biex jista icollu ix-xorti li jimmerita, seŭŭa kuddiem Alla, bl'opra it-tajjba li jaghmel, chemm ucoll bl'esempju li jati lill'oħrajn.

DUN ĠŬANN.

## Malta u Mileda

Smajtu biha ? Monsinjur Palunko, Iskof fid-Dalmazja, chiteb, ilu ftit, ctieb ċchejchen, biex juri li San Paŭl mhux haŭn Malta chien ra il gharka, imma fil gżira ta Mileda; u li San Luka, bil gżira *Melita*, mhux ghall *Malta* ried ighid, iżda ghall *Mileda*. Din m'hix biċċa ġdida, ghax, bosta snin ilu, ŭieħed ieħor minn daŭc l'inħaŭi, Patri Giorgi, chien ħolom li stess ħolma: imma ħafna ghorrief, saħansitra Protestanti, chienu ŭieġbuħ chif chien jixraklu u sicctuħ ghalcollox. Il *Ctieb tal Appostli* jitchellem ċar: u ħadd, bir-rekka tal gherf tieghu collu, ma jista itellef lill Malta dan il gieħ taħħa !

Chien, imma, xierak li Monsinjur Palunko isib min iŭieġbu, ghad li ma kal xejn ġdid biex jista iħassar li *Storja* ta elfejn sena, *Storja* maghrufa mid-dinja collha: u, ŭara Monsinjur Carŭana Gatto, li bil ctieb imsejjaħ il *Lifgha maltija* ŭerieħ li ħolom bil-ŭiekfa; ŭara Monsinjur Gaŭci, b'ħafna *Mistoksijet*, li ghalihom l'Iskof Palunko ma gharafx iŭiegeb; giè Monsinjur Farrugia, li flielu cull-ma kal chelma b'chelma u gharbel li *Storja tan-Naŭfragju ta San Paŭl* b'rekka tant cbira, li cull-min semghu baka mghaġġeb bil gherf tieghu, ghax tas-seŭ li ma ħaferx ŭaħda lill Monsinjur Palunko u ma ħallielux ragjuni milli paspar ŭiekfa fuk riġlejha. Dan chien nhar is-sibt li ghadda, fis-sala il cbira tal Università, kuddiem l'akŭa Professuri u nies oħra mill'aħjar, Maltin u Barranin. U mita Monsinjur Farrugia ŭera ċar, bil ctieb tal *Istorja tad-dinja* f'idejħ, li, fi żmien San Paŭl, il gżira Mileda inkas chien fiha nies, l'eŭŭel ŭieħed li bida iħabbat idejħ chien l'Iskof Portelli. Imbaghd, raġa kàm applaŭs cbir xħin Monsinjur Farrugia, ŭara daŭc ir-ragjunijet collha ċari daks id-dija tax-xemx, spiċċa b'daŭn il chelmiet: "San Paŭl giè Malta ! U aħna ilkajnieħ ! U lilna

ghamel insara!—F'Mileda mhux San Paŭl ra il gharka: imma l'Iskof Palunko bil ctieb tieghu!"

## Il Lingûa Taljana.

F'din is-siegha ħażina li ghaddejja minn fuk Malta, hu dmir ta cull-ŭieħed minn'na li jirfed b'lakxa l'imramma għażiża u imkaddsa ta! *Lingŭa Taljana.* U il *Habib* icun *ghadu* ta pajjiżu jecc ma iressakx ma tal oħrajn iż-żrara tieghu. Niftiehmu seŭŭa: aħna ma 'rridux il *Lingŭa Taljana* ghax ma naħmlux il *Lingŭa Ingliża*: xejn affattu: anzi, nixtieku li naraŭ il *Lingŭa Ingliża* ŭisk actar imxerrda fostna milli hi. Inkas ma 'rridu inżommu il *Lingŭa Taljana* ghax ma 'nħobbux l'Inghilterra: inħobbuha bil fidiltà collha: b'dic il fidiltà lejha li semmietna mad-dinja: u nixtiekuha issaltan dejjem kaŭŭija u glorjusa, u niftaħru mal barranin li aħna taħt il bandiera taħħa, u katt ma ghadda minn ras ta Malti f'sessiħ il ħsieb li jakblilna incunu taħt bandiera oħra. Irridu il *Lingŭa Taljana* ghax dic hi il Lingŭa tal educazzjoni taghna, u biha isiru il priedchi fil festi il cbar, u biha u bil Latin, li hu ommha, tchellimna il Cnisja, u biha mictuba li *Storja* ta pajjiżna, u biha imsemmijin it-torok taghna, u biha huma miżmumin il cotba tal Krati, tal Curja, tal Insinŭa, tal Cappillani, tan-Neguzjanti, tal Cuntratti—u biha nictbu lil xulxin, u biha, fl'aħħar nett, nuru li aħna *Nazzjon*, ghax dic il Lingŭa ilha taghna minn kabel ma chienet tal istess Italja. U kabilha chellna il *Lingŭa Latina*, mnejn hi ħierġa hi: u 55 sena kabel ma giè Cristu fid-dinja, mita l'Imperatur ta Ruma sab dic il gżira li ghoġbu isemmiha Britanja (l'Inghilterra), aħna diġà conna *Cives Romani*, jigifieri *Cittadini Latini.* Jecc aħna nitilfu dan il gid collu, li hu l'akŭa gid, ŭara dac tar-Religjon, u li biħ aħna *Nazzjon*, nitilfu ix-xbieha taghna ta *Poplu mill'actar antichi fiċ-Civiltà*: u, chif kalilna minn fuk il pulptu tal *San Gŭann*, bosta snin ilu, l'acbar predicatur li deher fostna, *jecc nitilfu il Lingŭa Taljana, ŭara ftit snin nitilfu ir-Religjon ucoll!* Inħobbu, mela, il *Malti*, ghax biħ nitchellmu bejnietna; u nitghallmuħ fuk drieħ ommna, u nirdghuħ mal ħalib, minghajr ebda bżonn ta Surmastrijet, ghax min icun jaf jakra bit-*Taljan* f'nofs siegha jista isir jaf jakra bil *Malti*, jecc icun Malti: inħobbu iva, il *Malti*, ghax jista icun ta daŭl cbir u ta ghajnuna bla-kjes, bħalma nixtiekuħ icun f'din il gażetta stess, ghal daŭc collha li ma jafux b'ilsna oħra. Imma il Lingŭa li taghmilna *Poplu ghaliħ*, li mad-dinja ix-xandarna b'*Poplu Civil*, li tfaccar lill'Eŭropa li aħna *Poplu Latin*, hi il *Lingŭa Taljana.* Minghajrha, l'Inghilterra tibda tarana bħall-l'Indjani u bħal daŭc il Colonji *li ma ghandhomx li Storja taghna!* Minn *Poplu actar antic fiċ-Civiltà mill'Inghilterra* insiru *katgha irsiera taħħa*, bħalma ghandha tant tkajja bnadijet oħra.

Imbaghd, is-seŭŭa ħabib Alla: aħna ma gejniex mirbuħa mill'Inghilterra bi gŭerra: l'Ingliżi biex geŭ haŭn u la ċarċru demm u inkas nefku flejjes: imm'aħna, minn jeddna, ħtarnihom bi Protetturi taghna: u huma *ghamlu patt maghna* li ma imissulniex ir-*Religjon, id-drittijet u id-draŭŭiet taghna.* Fost id-drittijet u id-draŭŭiet taghna, l'akŭa, minghajr xejn dubju, hi il *Lingŭa Taljana*, li ghandna l'Archivji tal Cnejjes, tal Krati, tal Musej u ta cull xorta mimlijin biha.

FRA MELITON.

## IL HOLKIEN
### L-ART
*(jissocta fuk l'eŭŭel ħarġa)*

Iridu jghidu xi uħud li l-filosofu Grieg Tale ta Miletu, li tŭieled 640 sena kabel Cristu (2551 sena ilu), chien l eŭŭel ŭieħed li ħareġ b'dic li l-art, jeŭ id-dinja, hi ta ghamla tonda bħal boċċa. Imma ghandhom sball ghax hu chien iżomm bħal Babilonizi u il-Lhud li id-dinja hi ċatta u tonda bħal mejda tan-nofs. L-eghjun li chienu jinfetħu ŭara xi terremot chien ighid li jcunu ilma ta taħt l-art li joħroġ minn xkuk li jsiru fl-art. L-iscular tieghu Anaxximandru li tŭieled 610 snin kabel Cristu, chif ighid Diogene Lerzju, chien jaghmilha ta ghamla bħal ta boċċa, u Anaxximene actarx chien jifhimha hecc ucoll. Li id-dinja hi ta ghamla ta boċċa nghad bla dubiu xejn l-eŭŭel darba minn Pitagora, filosfu grieg ucoll, li tŭieled daks 582 sena kabel Cristu; imma dan hu ma kalux bħala sur-mast, ghax baka' miexi bli stess scola ta kabel. Imma l-chelma tieghu ma marretx mitlufa, ghax l-isculari tieghu u oħrajn bdeŭ jghallmu fuk il fehma l-ġdida. Aristotile, filosfu ieħor grieg, li tŭieled 384 kabel Cristu, chien l-aħjar ŭieħed li fisser chif id-dinja hi tonda bħal boċċa. Il provi li gieb hu tal ghamla tad-dinja huma l-istess provi li ngibu aħna illum, jigifieri (l-eŭŭel) li hu-u-jitbieghed il bastiment minn l-art l-eŭŭel ma jghib minnu żakku, li hi l-eħxen, u imbaghad l-arbli li huma l-irkak, ħaġa li tfisser li mux il boghod jcun jghaŭŭeb lill bastiment, imma it-tond ta ŭiċċ il baħar. It-tieni, li id-dell tad-dinja li jintafa fuk il kamar u iġaghlu jicfes (ecclissi) hu tond. It-tielet: dic li actar ma timxi u titbieghed lejn cull riħ li jcun, actar tara cŭiecheb jif-faċċau minn geŭŭa dac ir-riħ. (*) Hu ħalla mictub li saru fi żmienu u kabel żmienu xi provi biex jarau u jiffissau il kies tad-daŭra collha tad-dinja; imma l-eŭŭel tiftixa li saret chif titlob is-sengha ta l-gherf chienet 150 sena ŭara u ghamilha Eratostene. Iżda li d-dinja hi ta ghamla tonda bħal boċċa saret ħaġa li ma jmeriha ħadd minn mindu il bniedem beda jbaħħar ma dŭar l-art.

### IL GHAMLA TAD-DINJA

Nisthajjel min jghidli: Huua d-dinja chif tista tcun tonda daks chemm fiha muntanji u ŭidien? Mita nghidu tonda ma rridux inghidu li hi lixxa bħal boċċa tar-rħam; imma niffigurauha b'ŭiċċ lixx, biċċa li hu tasseŭ u hu ŭiċċ il baħar mita l-ilma jcun kieghed, u biċċa le, u hu fejn, chiecu l-ibħra tniffidhom ma xulxin b-canali, jigi jaħbat ŭiċċ l-ilma li jidħol fihom.

Mix-xefak tal baħar li hu ma cullimchien gholi ŭieħed, mil cŭiecheb ta ġot-tramuntana u ta ġo nofs in-nhar, li jidhru joghleu dejjem actar ma ŭieħed jimxi lejn daŭc ir-rjieħ, minn chif jghib bil ftit il ftit bastiment actar ma jitbieghed minn l-art u forsi ucoll minn xi ħueijeġ oħra l-eŭlenin astronomi fehmu li id-dinja hi ghamla ta balla u fettxeŭ li jsibu chemm fiha kies daŭra mejt.

(*Jissocta*) G. VASSALLO.

(*) *Aristotile chien jifhem li id-dinja nofsha l-ŭieħed imghammar, u isejjaħlu ta fuk, u nofsha l-ieħor bla mghammar u isejjaħlu in-nofs ta taħt; u li l-aria ta man-nofs ta taħt tfittex dejjem li titla l-fuk minn geŭŭa l-art. Ghalhecc chien jaħseb li dic ta l-aria li issib x-jilkagħha u ma jħallihiex tghaddi giebet li l-aria hecc ingabret geŭŭa l-art u billi taghfas dejjem u cull ma imur tcattar fis-saħħa tagħha. tista tħarrec ŭiċċ l-art u minn dakkiet hecc kaŭŭi li l-art tithezhez u isir dac li nghidulu terremot.*

## Ma dûar id-dinja

Telegramm tat-30 ta Jannar li ghadda, iħabbar li fil Cajr miet id-Duca ta Fife. Ir-Re u ir-Regina tal Inghilterra irceveŭ ħafna telegrammi minn bosta Cbarat, li bihom fissrulhom il ghafsa ta kalb li ħasseŭ ghal din il bxara.

—Telegramm ieħor, tal eŭŭel ta dan ix-xahar, ħabbar li il *Medina* bir-Re u ir-Regina ŭasal Gibiltà, fejn sarlu salut mil flotta spanjola.

—Minn Bruxelles iħabbru li ir-Regina Margherita tal Italja accettat il presidenza tal *Cumitat ghall ŭirja tal minjaturi*, u li ghandha tibghat vetrina mimlija b'ħafna mill'aħjar minjaturi tal ġabra taħħa.

—Il Papa fit-tieni ta dan ix-xahar ircieva f'*udienza privata* il Cardinal Gotti, Prefett (jigifieri Cap) tal Congregazzjoni tal Propaganda; il Cardinal Cagiano di Azevedo; il Monsinjur Gely, Iskof ta Mende; il Princep Federico Solms Braunfels; il Baruni Clemente Geyr von Schweppenbug; u il familja Dereyra Iravola tar-Repubblica Argentina.

—F'Ruma, saru funerali cbar lill Don Marcantonju Colonna, ŭieħed mill' akŭa Nobbli ta Ruma, Princep minn gidd l'actar antic, fil Bażilica tas *Santi Appostli*, li chienet imlibbsa bil luttu u imżejjna bl'armi tal familja Colonna. Chien hemm ghall funeral qŭasi in-Nobbli Rumani collha. Chien hemm ucoll il Cardinali Agliardi u Vincenzu Vanutelli, il Gran Mastru tal *Ordni ta Malta*, il Ministri tal Belgju u tal Brażil, u ħafna cbarat oħrajn.

—Minn Pietroburgu, f'li stess ġurnata, iħabbru li Goulkewitch, Prim-Segretarju tal Ambaxxata f'Ruma, giè maghmul Consilier u mibghut Costantinopoli.

—Minn Washington, fl' aħħar tax-xahar, ħabbru li il Membri tal partit democraticu ingabru u iddecideŭ li ma jivvotaŭ ebda żieda ta 'nfik ghall Marina, fil lakghat collha ta din is-sena. Din id-decisjoni tŭakkaf il programm navali, jigifieri li isiru żeŭġ fregati fis-sena.

—Minn Cettigne, fil 31: ir-Re Nicola, accompanjat mil Princep Pietru u mil Ministri, telak bit-triek ta Cattaru ghall Pietroburgu, biex jaghmel l'eŭŭel żiara bħala Re tal Montenegru lill Czar tar-Russja. Chien milkuħ b'dimostrazzjonijet cbar mill poplu. Malli ŭasal f'Cattaru, (art tal Aŭstrja,) Re Nicola bghat telegramm ta tislija lill'Imperatur Frangiscu Giuseppi, fejn fissirlu il ħsiebijet ta gibda u ta kima li ghandu lejħ.

—F'Lipari, fil 31 tax-xahar li ghadda, fil-ghodu, ġrat disgrazzja ħdejn li stazzjon ta Rigoli: u, chiecu ma chienx il curaġġ tal machinista, chienu jibkghu ħafna mejjtin. Id-disgrazzja ġrat imħabba il bidla tal binarju: tchissru biss iż-żeŭġ vaguni li chienu sejjrin minn Pisa ghall Firenze, ŭieħed bil passiġġieri u l'ieħor bil Posta.

—F'Hamburg, fuk ix-xmara tar-Renu, fl'aħħar ta dan ix-xahar, il vapur *Deutscher Kaiser* intaka ma tempesta tas-silġ, li 'mħabba fiha ħabat ma vapur ieħor mercantil u inkaleb: gherku tmin passiġġieri.

—Minn Pekin, fiċ-Cina, f'li stess ġurnata, iħabbru li l'Imperatrici omm l'Imperatur ta 'llum talbet lill Ministri biex jaghmlu paci mar-rivoluzjunari.

—F'Messina kàmu maltempijet cbar u ghamlet xita kaŭŭija, li bdiet tinkata imħabba il kaŭŭa tar-riħ u tarġa.

—Iħabbru minn Filippopoli li, f'Radovistich, ħdejn Istip, sparat bomba tad-dinamite, li katlet fizzjal, il Cumissarju tal Pulizija u seba' gŭardjani.

L. MUSCAT.

## Mistoksija

**Tas-seŭ li Malta saret nisranija kabel Ruma u il Maltin ħaddnu il 'Lsien taljan kabel it-Taljani ?...**

Min iŭiegibna l'aħjar ghal din il Mistoksija, ingibu haŭn dac li jictbilna (b'ismu jeŭ minghajru, chif irid hu,) basta ma icunx jieħu actar minn żeŭġ colonni ta din il gażetta; *u natuħ ctieb b'tifchira.* M'hemmx bżonn nghidu li ir-*Risposta* trid tcun imfissra scond li *Storja.*

Żmien: ħmistax il ġurnata, li jibdeŭ m'illum.

## CHELMTEJN FUK IL FOOT-BALL.

Minn xi ftit tas-snin il haun, giè imdaħħal, mill Ingliżi, geuua Malta il loghob tal *foot-ball*, loghob, biex niftehmu aħjar, illi il Maltin ħaddnitu b'kalbha collha u chemm chemm ma tilfittx rasha ghal uarajħ. Ma haunx raħal, ma haunx belt, ma haunx scola, inclelè Cullegg, illi ma ghandhomx it-*Team* taghhom. Haġa sabiha chemm tista tcun. Tafu xejn l'ghaliex? Barra minn li hu loghob tal mghodija taż-żmien, minnghair ma uiħed jaghmel ghaib lill imkaddsa Rabta, hu li jista jati is-saħħa fill gisem billi ikankal l'aptit u fill mixi iħossu ħafif; tant hu ta tabillħakk, illl dan il logħob ħareġ minn geuua l'Inghilterra u tferrex saħansitra sa geuua l'*Indi* u *ic-Cina.* Iżda, inħoss sghoba hecc kauujja geuua kalbi mita sejjer immur nuri, ngharraf u inxandar, illi, geuua Malta, ghandna xi *Teams* ghal ħila tagħhom jistghu iħabbtuha mal akua uiħed li jinsab fuk l'artijet barranin, iżda bl'imgieba ħażina tagħhom f'dan is-sabiħ loghob, mux biss jaghmlu ghaib lilhom infushom, iżda ucoll lill l'art tuelidhom. Ghaliex? Ghaliex, biex uiħed imur jaghddi iz-żmien fill loghob tal *foot-ball* ma jinħtieġlu xejn li imur bill fehma tal ġlied, tat-tghajir u tas-suat.

Ghal issa biż-żejjed.

GIOVANNI MIFSUD BONNICI.

## Niftiehmu tajjeb

Ghandhom icunu xi uħud, ghalavolja tal Professjoni, ma jaghmlu ebda differenza bejn *Direttur* u *Amministratur*: u hecc jatu xoghol żejjed lill ŭieħed u lill'ieħor. Mela, niftiehmu tajjeb: min irid jissieħeb, jeŭ iraġġa il *Habib* l'ura, jeŭ jibghat xi flus, jeŭ javża li il gażetta ma ŭaslitlux, jeŭ li biddel id dar u ħŭejjeġ hecc, ghandu jicteb lill'*Amministratur* (strada Cristoforo, 174), jeŭ imur jitchellem mieghu; u ghandu jicteb jeŭ jitchellem mad-*Direttur* (strada santa Lucija, 89) min jibghat xi articoli biex jingiebu fil gażetta, min jati xi tifsir tal *Loghob*, min irid ighid xi ħaġa fuk dac li jidher fil *Habib*, min jixtiek jitlob jeŭ jati xi daŭl lill chittieba taghna u min iŭiegeb ghal xi mistoksijet li naghmlu lill'Imsieħbin.

Fissirna ruħna car?...

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### XARADA

*L'eŭŭel*, ħut; missier, *it-tieni*;
nota, *it-tielet*; u imbaghd, *f'dakka*,
ghasfur żghir, gerrejj u hieni.

IVO M. A.

Ix-*Xarada 'mriccba* tal eŭŭel ħarġa chienet :

*Ħa - ħab - ħabi - Ħabib.*

Fissruha tajjeb: mil Belt, ir-Reverendu Dun Anton Abdilla, il Professur Napuljun Tagliaferro, is-Sinjurina Nicolina Pons u is-Sinjuri Carmelu Bonello, Salvu Agius, Paulinu Zammit, Giuseppi Sciberras u Saver Sammut—minn Bormla, is-Sinjuri Assueru Grima u Carmelu Borda—is-Sur Mast A. M. Kissaun, impiegat l'Inghieret—minn hal-Kormi, is-Sur S. Pulis Felice—minn haz-Zabbar, is-Sinjuri Carmelu Carbonese, Salvu Caruana-Melosa, Giuseppi Buhagiar u is-Sur Mast S. G. Abela— minn Rahal-Gdid, is-Sur Gius. Balzan—u minn Ghaudex, ir-Reverendu Canonicu Dr. A. M Hili, Rettur tas-Seminarju.

Fissruha tajjeb ucoll: ir-Reverendu Dun Piju M. Gauci, mil Belt; is-Sinjura Mary Jones, minn tas-Sliema; u is-Sur Ghejtanu Grixti, mil Gudja.

Żmien ghat-tifsir tax-Xarada ta 'llum, sa nhar it-tnejn fil-ghodu.

✝

Ŭara ħajja ta 90 sena, illi ŭisk ftit iŭasslu, miet ilbieraħ tl'ura, ħal Kormi, is-Sur **FRANGISC MUSCAT** bil ghainuniet collha tar-Religjon nisranija, li ħabb dejjem f'ħajjtu. Ħalla ħbieb bla tarf jitħassruħ, ghaliex chien ragel tal katgħa antica, galantom u sincier; iżda iżjed minn cullħadd jitħassruħ uliedu, li fosthom hua is-Sur Giusè Muscat Azzopardi P.L., Direttur tal *Ħabib* u ħabib ta Malta chif iddur.

Ilbieraħ sarulu il funerali u giè midfun fil kabar tar-razza geŭŭa il Cnisja ta dic il Parroccia.

Alla jatiħ malajr il mistrieħ ta dejjem u lill familia jatiha is-sabar.

MONSINJUR GAŬCI.

**CLORINDA**, xebba tas-26 sena, bint l'Avucat Cardona, mietet, nhar il gimgha li ghaddiet, haŭn il Belt, ŭara marda kasira u chiefra. Chienet tifla 'mrobbija fil biża t'Alla u fil ġabra tad-dar: mera lit-tajjbin, f'din l'imxija ta fruha bla-kjes li haŭn tisreġ fuk li bliet: u ta dan marret titħallas. Nitolbu ghall mistrieħ ta ruħha u ghas-sabar ta min ħalliet jibchiha.

[*Dun Paŭl*] [*Proprietà letteraria*]

# Omm tasseu u Omm taparsi

*(Mit Talian ta F. Martinengo P. d. M.)*

I.

NASBA

Majsi u Matti, żeŭġ żagħżagħ tar-raħal, seŭŭa ħafna, li igħixu bi ħŭejjiġhom Hal.... ŭieħed mir-rħula sbieħ, ma giet katt nieksa fihom il kima u l'imħabba lejn ix-xŭejjaħ Cappillan li għammidhom; u 's-saħrjiet tŭal tax-xitŭa imorru ta sicŭit ikattgħuhom għandu; u jiġbdu magħhom issa lil ŭieħed u issa lil ieħor minn sħabhom u ħbiebhom. U'l Cappillan, collu ħleŭŭa, jilka dejjem lil collħadd bil ferħa; u bilkegħda is-siegħât magħhom, b'għaxka cbira ta kalbhom, jgħaddilhom iż-żmien b'tagħlim u ċajt, li ħsiebna u rajna li ngħarrfu bil biċċa il cbira minnhom lil daŭc l'icun jogħġobhom jakraŭna, jecc jatihom is-sabar li jaslu sa'l aħħar paġna ta da'l ctieb.

Lejla ŭaħda ta Marzu 185... Majsi u Matti deħru kuddiem il Cappillan b'ŭiċċhom ferħan, u kalulu:—Tâf, sur Cappillan; illejla messitna xortina!

—Nižżuħajr l'Alla! (ŭiegeb ix-xŭejjaħ ta kalb tajba) u x'xorti hi li messitcom?

U Majsi beda igħidlu xi ġralhom:—Aħna u mixjin biex niġu għandec, hecc chif ŭasalna ħalli nicsru għal fuk il misraħ, ntkajna magħ ŭieħed sinjur żagħżugħ ta mgiba l'actar sabiħa u ħelŭa. Ŭakkafna, u:—Saħħa għalicom, ħbieb! Jiena nâf—beda sejjer igħidilna—li intom żeŭġ zagħzagħ seŭŭa, kaluli bicom; u, billi icolli nokgħod firraħal tagħcom, xtakt nagħmel ħabib magħcom.

—Nħalluc taħseb, sur Cappillan! Aħna, li ftit li xejn nafu bil cumplimenti, conna kiesna żeŭġ boloħ kuddiemu; sachemm haŭn Matti kabeż saksiħ: chif, inti tâfna?

—Iva, ŭiegeb dac is-sinjur jidħkilna; m'għedtilcomx li chellmuni fukcom? Int m'intix Matti tal Aħmar? u int m'intix Majsi tal Isfar?....

—U ŭakt li chien kiegħed igħidilna da'l cliem, naraŭħ iferchex fil bŭiet tas-surtun, u fittex u arġa' fittex.... Haŭn Matti raġa' lura. Bżajt eŭŭilla li joħroġ xi sicchina?

—Fejn nâf.... Smajthom ħafna drabi igħidu b'ħallilin collha galbu u ħleŭŭa, mdorrijin inezżgħu in-nies bl'acbar ħila, mingħajr ma daŭn ankas biss jintebħu, li, biex ingħidlec is-seŭŭa, hemm, f'dac il ħin, ŭara dac il cliem, u jaf x'jisimni, u x'inhu lakmi seŭŭa....għalfejn intaŭŭal? ma f'għajnix minnu. Chellu ħârsa dac bejn ta dħuli u bejn ta ħażin....

—Tasseŭ; lili ucoll għakritni għajni minnu, u cont kiegħed naħseb fuk il proverbju li igħid: — Mîn iżigħel bic actar milli imissu....

—Imma ŭara collox (katagħlu cliemu il Cappillan) x'il frigħen ħareġ minn ġol bŭt?

—Aħfirli, sur Cappillan (ŭiegbu Majsi); m'għandniex il ħila ingħidulec ħaġa seŭŭa. Imma inti issa drajtna, u tâf tagħdirna. Mela, cont kiegħed ingħid, fittex u arġa' fittex f'daŭc l'imbirchin ta bŭiet, sa flaħħar ħareġ żeŭġ cotba żgħar. Ara ftît! — U haŭn Majsi u Matti siltu mil bŭt żeŭġ cotba żgħar micsijin bil gilda ħamra u ixxfâr mdeħebjin, u huma u ineŭŭluhom lil Cappillan, Majsi issocta igħid:— U tana ŭieħed coll ŭieħed u kalilna: Jogħġobcom tieħdu da 'r-rigal, ċchejchen tasseŭ, imma għażiż. Daŭn cotba, li fihom l'Evangelju imkaddes miġjub bil lsien tagħcom. Akraŭhom u tuhom jakraŭhom lil niescom u lil ħbiebcom, u icun ta ġid cbir għalicom u għalihom.—Ŭara kalilna ħŭejjeġ oħra, li issa ma niftacarx izied, ħadilna b'idejna u tana il-lejl it-tajjeb. Bilchemm ħallielna żmien ngħidulu grazzi, li ma għebx.

—U ankas ma giena f'râsna nsaksuh x'jismu; ara x'moħħ ir-riħ aħna!

Fil ħin il Cappillan, għajnejh fil cotba ikalleb il paġni, gibed xuftejh u chemmex ŭiċċu; fukhecc Majsi kallu: Jakaŭ! ma fihomx għaxka daŭ 'l cotba? X' inhu li inti issa kiegħed tkalleb fihom u ŭiccec tħaŭŭad?

U 'l Cappillan dâr fuk iż-żeŭġt' iħbieb tiegħu b'ħârsa li tħasseb u kalilhom:— Tâfu x'hemm mil ġdid? Daŭ 'l cotba m'għandcomx tmissuhom actar b'idejcom.

—Il għaliex?

—Għax ipprojbiti, ipprojbiti mil Cnisja.

—Chif jista' icun! mux l'Evangelju fihom?

—Iva, l'Evangelju; imma mhux bħalma tatihulna il Cnisja. Nagħmel imħâtra li dac li kegħdhomlcom f'idejcom m'hux ħlief xi protestant.

—Protestant? Barraminhaŭ! — għajtu it-tnejn, jerġgħu lura u iberrku għajnejhom.

(1) (*Jissocta.*)